MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 324/2013

**Rikors Numru. 324/13**

**Emanuel Cutajar li ghandha l-karta ta' l-Identita numru 23353 (G)**

**`Speedway Garage`,**

**Triq Patri Giacintu Camenzuli,**

**Rabat, Ghawdex**

**Vs**

**L-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta**

**Direttorat tal-Infurzar**

**Malta Transport Centre**

**Marsa MRS 1917**

**U b'digriet moghti fid-19 ta' Mejju 2014 isem l-Awtorita` gie jaqra L-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn Emanuel Cutajar fis-16 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:

*"Illi b'ittra tal-20 ta' Novembru 2013 (annessa u markata MS1), l-esponenti gie mgharraf li l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta kienet b'decizjoni mehuda minnha mponiet fuqu penali amministrattiva ta' hames mitt ewro (€500) u naqqsitlu hamsin (50) punti minhabba li sabitu hati li kiser ir-regolament numru 69(2) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) wara li saret spezzjoni minn ufficjal tal-infurzar fis-27 ta' Ottubru 2013, gewwa Triq Ross, Paceville, San Giljan, f'xi 8.45, mill-liema spezzjoni irrizulta lill-Awtorita' li bhala operatur tal-bus mikxufa bin-numru ta' registrazzoni COY018 l-esponenti uza jew halla li tintuza din il-bus mix-xufier Giuda Taddeo Xuereb bin-numru tat-Tag 885748, li giet manifatturata aktar minn ghaxar snin qabel dahlu fis-sehh l-imsemmija regolamenti (L.S.499.56), ghal xi ghan iehor minbarra li toffri servizz fuq rotta ta' garr ta' passiggieri turisti ;*

*Illi l-esponenti hass ruhha aggravat minn din id-decizjoni u qieghed jinterponi umili appell minn din id-decizjoni quddiem dan it-Tribunal a tenur ta' L.S.499.56 u fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej :-*

*Illi l-bus COY-018 mhuwiex l-operatur taghha l-esponenti u fil-gurnata li saret l-ispezzjoni mill-ufficjal tal-infurzar din kienet tinsab imwellija lill-kumpannija Island Sightseeing Ltd. kif jirrizulta mill-kuntratt li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u markata MS2. Din il-kumpannija torganizza CitySightseeing tours f'Malta. L-operatur ta' dawn it-tours huwa Alfred Magro direttur ta' Captain Morgan Leisure Limited li ghandu l-licenzja bin-numru PAN-000159-10 kif jirrizulta mid-Driver Identification Certificate mahrug mill-Awtorita' taht ir-regolamenti L.S. 499.56. Ix-xufier Giuda Taddeo Xuereb bit-*

*Tag numru tal-Awtorita' 885748 li fil-hin tal-ispezzjoni kien qed isuq il-bus mhuwiex impjegat tal-esponenti, izda huwa mpjegat ta' Captain Morgan Leisure Limited jew ta' xi kumpannija ohra li ghandu l-kontroll taghha Alfred Magro. L-esponenti bl-ebda mod ma ppremetta l-uzu ta' din il-bus li tigi misjuqa la minn dan ix-xufier u lanqas minn hadd iehor bi ksur tar-regfolament 69(2) ta' L.S. 499.56. Ghaldaqstant l-Awtorita' ma kinitx gusta u korretta meta mponiet fuq l-esponenti l-penali u qatghetlu l-punti, u din kellha taghmlu fil-konfront ta' dak l-operatur li dak iz-zmien kellu l-kontroll effettiv dwar l-uzu ta' din il-bus.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka id-decizjoni tad-Direttorat tal-Infurzar tal-Awtorita' komunikata lir-rikorrenti mill-istess Awtorita' bl-avviz tal-20 ta' Novembru 2013, fuq imsemmi, billi jhassar il-penali amministrattiva mposta fuq l-esponenti u jordna li l-hamsin (50) punti li gew imnaqqsa minghandu jigu moghtija lura lill-esponenti."*

Ra r-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tal-20 ta' Novembru 2013, in vista tan-nuqqas da parti tas-socjeta' appellanti milli tressaq l-oggezzjonijiet taghha quddiem il-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport kif stipulat bil-ligi, ghandha tigi konfermata fl-intier taghha stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma u dan billi:*

1. *Illi, preliminarjament dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jiehu konjizzjoni ta' din il-procedura stante li r-rikorrenti ma esawritx r-rimedji ordinarji spettanti lilha skont l-artikolu 108(10) ta' L.S.499.56 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta hija wahda gusta u in konformita mal-ligi u ghandha tigi kkonfermata stante li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-fatti ma humiex kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors tal-appell tieghu izda kif stabbiliti mill-Awtorita` fid-deliberazzjonijiet taghha."*

Ra illi permezz ta' digriet datat 15 ta' Jannar 2014 it-Tribunal appunta r-rikors ghas-smiegh ghas-7 ta' Frar 2014, f'liema seduta ir-rikors gie mholli ghat-18 ta' Marzu 2014 ghall-provi kollha u trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Sema’ t-trattazzjoni da parti tad-difensur tar-rikorrent fis-seduta tat-18 ta’ Marzu, 2014;

Ra illi fl-istess seduta d-difensur tal-Awtorita intimata nghata xahar zmien biex jipprezenta s-sottomissjonjiiet tieghu bil-miktub bi hmistax-il jum iehor ghar-rikorrent biex iwiegeb ghall-istess jekk ikun il-kaz;

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata ipprezentata fil-15 ta’ April 2014;

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fil-5 ta’ Mejju 2014;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra illi r-rikors gie mholi ghal-lum ghal sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex  jordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-isem tal-Awtorita` intimata u dan biex isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra “L-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta”  kif inhu l-isem legali taghha ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi permezz ta’ **Avviz ta’ Penali Amministrattiva skond ir-Regolament dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri (L.S. 499.56) datat 20 ta’ Novembru 2013,** ir-rikorrent gie infurmat bis-segwenti:-

*"Fin-nuqqas ta' rapprezentazzjonijiet mibghuta minnek fuq il-kaz imsemmi, int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 69 (2) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Penali Amministrattivi ghandhom jithallsu preferibbilment b'cekk indirizzat lil Transport Malta u mibghut lil Transport Malta, Direttorat tal-Infurzar, Malta Transport Centre, Marsa, MRS 1917.*

*F'kaz li inti ma taqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita` li timponi din il-Penali Amministrattiva u l-punti tal-penali rispettivi, tista' tressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Artiklu 5 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490), fi zmien tletin gurnata minn meta tircievi dan l-avviz."*[1]

Illi mill-korp tar-rikors promutur jirrizulta illi l-imsemmija sanzjonijiet gew imposti fuq ir-rikorrent stante li *bus* proprjeta` tieghu u li kienet *leased* lil terzi persuni kienet qed tigi operata b'kontravvenzjoni tar-Regolament 69 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56.

Illi skond **l-ewwel eccezzjoni** tal-Awtorita` intimata, dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jiehu konjizzjoni ta' din il-procedura stante li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji spettanti lilu skond Regolament 108 (10) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56.

Illi l-imsemmi Regolament jghid testwalment hekk:

*"Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorita` ghandha tinforma l-persuna li fuqha tkun ser tigi imposta l-penali bl-intenzjoni taghha permezz ta' avviz bil-miktub. Dak l-avviz ghandu jkun jindika li l-persuna koncernata **ghandha d-dritt**[2] li taghmel rapprezentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorita` fi zmien ghaxart ijiem billi taghti ragunijiet ghaliex il-penali amministrattiva m'ghandhiex tigi imposta u l-Awtorita` ghandha tikkonsidra kull*

[1] A fol. 4
[2] Enfasi tat-Tribunal

*rapprezentazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal ghal decizjoni finali. L-Awtorita` ghandha tavza lill-applikant koncernat bid-decizjoni taghha bil-miktub."*

Illi l-Awtorita` intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tirrileva illi ladarba r-rikorrenti m'ghamilx rapprezentazzjonijiet skond is-sucitat subregolament, allura din kienet konferma ta' htija da parti tal-istess rikorrent u ghalhekk l-istess Awtorita` ghaddiet ghall-konferma tal-imposizzjoni tal-multa amministrattiva u l-penali. L-Awtorita` intimata tigbed ukoll anologija mal-kaz fejn persuna tkun kontumaci u jipprezenta appell wara li tinghata sentenza fl-ewwel grad. L-Awtorita` intimata tishaq li fl-istadju ta' appell ma jistghax iressaq il-provi li kellu jressaq *in prim istanza*. Illi dwar dan l-ahhar argument it-Tribunal jirrileva li l-anologija m'hi xejn felici peress li hawn mhux qed isir appell minn decizjoni ta' qorti ohra izda appell minn decizjoni ta' Awtorita`. Di piu`, kif dejjem gie ritenut, il-kontumacja hija meqjusa bhala kontestazzjoni u kwindi ma jistghax jingibed l-argument li ladarba r-rikorrent ma pprezentax ir-rapprezentazzjonijiet tieghu quddiem l-Awtorita` allura r-rikorrent *"awtomatikament ammetta l-htija u tilef id-dritt li jikkontesta l-konkluzjonijiet ta' l-Awtorita".*[3]

L-istess Awtorita` tissottometti illi l-fatt li fil-parti ta' isfel tal-Avviz notifikat lir-rikorrent jissemma d-dritt ta' appell tieghu quddiem dan it-Tribunal huwa biss prattika *standard* u kien ikun applikabbli biss li kieku r-rikorrent ressaq ir-rapprezentazzjonijiet tieghu u kkontesta l-konkluzzjonijiet tal-istess Awtorita`.

Kwindi, skond l-istess Awtorita`, nonostante li r-rikorrent gie mgharraf li ghandu dritt jappella, ladarba ma saritx il-kontestazzjoni permezz tar-rapprezentazzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti 108 (10), ir-rikorrent tilef id-dritt tieghu li jressaq appell quddiem dan it-Tribunal.

---

[3] Nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata a fol. 39 tal-process

Illi, wara li dan it-Tribunal sema' kemm lid-difensur tar-rikorrent u kif ukoll ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata u tal-istess rikorrent, jirrileva illi minn qari tal-istess subregolament jirrizulta illi s-sottomissjoni ta' rapprezentazzjonijiet qabel ma l-Awtorita` intimata tiehu decizjoni finali hija wahda **fakoltattiva** stante l-kliem testwali tal-ligi huwa *"ghandha dritt"*. Ghaldaqstant, l-istess subregolament ma jimponi l-ebda obbligu, u ma jipprevedi l-ebda sanzjoni jekk wiehed ma jipprezentax ir-rapprezentazzjonijiet tieghu entro t-terminu previst. L-istess avviz imbaghad ikompli jindika b'mod mill-iktar car illi jekk il-persuna koncernata ma taqbilx ma' dik id-decizjoni huwa ghandu dritt iressaq appell quddiem dan it-Tribunal fi zmien tletin gurnata minn meta jircievi l-istess avviz.

Illi allura dan it-Tribunal jissottometti li jkun kontro-sens li bniedem tinfurmah li ghandu dritt jappella minn dik id-decizjoni u wara tigi tghidlu li ma ezawriex ir-rimedji kollha li kellu a disposizzjoni tieghu u li kwindi dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors! Dan ir-ragunament li qieghed jaghmel it-Tribunal huwa konsonanti wkoll mas-subregolamenti 110 (1) tal-L.S. 499.56 li jghid is-segwenti:-

*"Persuna offiża bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità li timponi penalitajiet amministrattivi u l-punti tal-penali korrispondenti tista' fi żmien tletin ġurnata minn meta dik id-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lilha, tressaq appell minnha quddiem it-Tribunal."*

Illi huwa evidenti li dan is-subregolament ma jaghmel l-ebda distinzjoni ghad-dritt ta' appell bejn dawk il-persuni li jkunu ipprezentaw ir-rapprezentazzjonijiet taghhom u dawk li ma jkunux. Kwindi, in linea mal-massima *ubi lex voluit lex dixit* dan it-Tribunal ma jikkondividix is-sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Il-fatt jekk jaghmilx jew le rapprezentazzjonijiet hija diskrezzjoni tal-persuna koncernata u din bl-ebda mod ma tista' tincidi fuq id-dritt tieghu li jintavola appell mill-istess decizjoni quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata m’ghandhiex ragun fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata minnha.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tar-rikors fil-mertu.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------